MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 2543/2003

**Josette Zammit**

**Vs**

**Edwin Zammit**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) rapprezentanti hlas ta' manteniment skond kuntratt ta' separazzjoni bonarja bejn il-partijiet tal-10 ta' Marzu, 1993 fl-atti tan-Nutar Dr Peter Fleri Soler ghall-perjodu bejn Frar tas-sena 2002 u Lulju tas-sena 2003.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha kkontesta l-kawza u qal li l-ammont mitlub m'huwiex dovut stante li l-konvenut gja ghamel diversi pagamenti u ghalhekk l-ammont huwa mhallas.

Sema’ x-xhieda ta’ l-attrici u tal-konvenut.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi l-attrici ppruvat sodisfacentement li hija ntitolata li tircievi manteniment ta’ ghoxrin lira Maltin (Lm20) fil-gimgha bejn Frar 2002 u Gunju 2003 u cjoe’ medda ta’ erbgha u sebghin gimgha li b’rata ta’ ghoxrin lira Maltin (Lm20) fil-gimgha jigu elf erba’ mija u tmenin lira Maltin (Lm1,480).

Il-konvenut qieghed jallega li huwa hallas. Hu jghid illi huwa kien jibghat il-flus mat-tifel tieghu. Huwa ben saput illi min jallega pagament ghandu l-obbligu li jgib il-prova debita. Il-konvenut ighid li m’ghandux ircevuti u li l-attrici qatt ma taghtu rcevuti. Il-konvenut kellu kull dritt jezigi rcevuta kull darba li jhallas il-manteniment u jekk huwa naqas milli jaghmel hekk din timputa ghalih.

Izda t-Tribunal ma jistax ma jinnotax illi sa minn qabel il-perjodu in vertenza, l-partijiet uzaw din is-sistema ta’ hlas ta’ manteniment u li l-flus jintbaghtu tramite t-tifel minuri. Iz-zewg partijiet kienu sodisfatti b’din is-sistema u ma jidhirx li xi hadd ilmenta dwar dan tant illi l-attrici tghid illi meta kien hemm zmien meta l-konvenut kien tardiv fil-hlas, kienet tibghat risposta anke mat-tifel.

Il-konvenut xehed fis-seduta tal-1 ta’ Lulju, 2004 u qal li hallas ekwivalenti ghal hames xhur, izda l-ghada, fis-seduta tat-2 ta’ Lulju, 2004 iddikjara li fil-fatt huwa ghandu jaghti biss erba’ mitt lira Maltin (Lm400).

It-Tribunal jinnota illi skond il-kuntratt ta’ separazzjoni, l-obbligu tal-hlas huwa lejn l-attrici u mhux mat-tifel u ghalhekk anke jekk ghall-grazzja ta’ l-argument jigi ammess li l-konvenut verament baghat il-flus mat-tifel, jekk dawn il-flus ma waslux fid-destinazzjoni taghhom ghand l-omm, din hija problema li ghandu jbati l-konsegwenzi taghha r-ragel.

B'danakollu t-Tribunal huwa wkoll sodisfatt illi effettivament, xi pagamenti effettivament saru ghalkemm mhux ta' l-entita' li allega l-konvenut fis-seduta tat-2 ta' Lulju, 2004 u ghalhekk fuq bazi ta' ekwita' t-Tribunal qed jaghti lill-konvenut il-beneficcju tad-dubju u jikkoncedi li circa erbgha mis-sbatax-ix xahar mertu tal-kawza u jasal ghall-konkluzjoni li l-ammont bilancjali dovut huwa ta' elf u mitt lira Maltin (Lm1,100).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal filwaqt li jichad parzjalment l-eccezzjonijiet tal-konvenut qed jilqa' t-talba attrici fl-ammont ridott ta' elf u mitt lira Maltin (Lm1,100) u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf u mitt lira Maltin (Lm1,100) bl-imghax mit-3 ta' Marzu, 2004 (data tan-notifika ta' l-Avviz) u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------